DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1188

tat-8 ta' Lulju 2022

li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 fir-rigward tal-Istati Membri jew partijiet minnhom li għalihom huma approvati miżuri nazzjonali għal ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 226(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 ([2]) tistabbilixxi listi ta' Stati Membri u partijiet minnhom li huma meqjusa bħala ħielsa minn ċertu mard ta' annimali akkwatiċi, mhux elenkat fl-Artikolu 9(1), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2016/429, jew li huma soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni għal dak il-mard.

(2) Stati Membri addizzjonali jew partijiet minnhom, jistgħu jiżdiedu mal-lista ta' żoni ħielsa mill-mard fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260, jew mal-lista ta' żoni li huma soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, jekk il-Kummissjoni tiġi nnotifikata minn qabel, bi kwalunkwe miżura li tista' taffettwa l-movimenti ta' annimali akkwatiċi bejn l-Istati Membri, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu jiġu approvati, jew jekk ikun meħtieġ, emendati.

(3) Id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Portugall u s-Slovenja nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar partijiet mit-territorji tagħhom, li jenħtieġ li jiġu approvati bħala ħielsa mill-mard f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429. Dawn jinkludu żewġ żoni li huma ħielsa mill-Marda tal-virus tal-erpete tal-koi (KHV), u diversi kompartimenti li huma ħielsa jew mill-Marda batterika tal-kliewi (BKD), jew mill-KHV, jew mill-Virus tannekrożi pankreatika infettiva (IPN). Id-Danimarka nnotifikat ukoll lill-Kummissjoni b'diversi kompartimenti li huma soġġetti għal programmi ta' eradikazzjoni għall-BKD jew l-IPN u li jenħtieġ li jiġu approvati, f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429.

(4) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni mressqa mid-Danimarka, mill-Finlandja, minn Franza, mill-Italja, mill-Portugall u mis-Slovenja dwar il-miżuri nazzjonali li ħadu, f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429, sabiex jipprevjenu l-introduzzjoni jew jillimitaw it-tixrid ta' dak il-mard. Il-Kummissjoni hija sodisfatta li dawk il-miżuri nazzjonali huma meħtieġa għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni jew għall-kontroll tat-tixrid tal-mard. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawk il-miżuri nazzjonali jiġu approvati, u jenħtieġ li ż-żoni u l-kompartimenti li japplikaw fihom jiġu elenkati fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260.

(5) Għalhekk jixraq li l-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 jiġi emendat, biex jitqiesu ż-żoni ħielsa mill-KHV fi Franza u fl-Italja, il-kompartimenti ħielsa mill-BKD u mill-IPN fid-Danimarka, il-kompartimenti ħielsa mill-BKD fil-Finlandja, il-kompartimenti ħielsa mill-KHV fi Franza u l-Portugall, u l-kompartimenti ħielsa mill-IPN fis-Slovenja. L-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jitqiesu l-kompartimenti li huma soġġetti għall-programmi ta' eradikazzjoni għall-BKD u l-IPN fid-Danimarka.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzojni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2.2021, p. 1).

(6) Barra minn hekk, l-Irlanda nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kompartimenti kollha tal-virus tal-erpete 1 µvar tal-gajdri (OsHV-1µvar) fit-territorju tagħha, li huma elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260, jenħtieġ li jitneħħew mil-lista. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 jiġi emendat biex iqis dik il-bidla fl-istatus tal-kompartimenti ħielsa mill-OsHV-1µvar fl-Irlanda.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 huma sostitwiti bit-test mogħti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS I

L-Istati Membri [1] jew partijiet minnhom, meqjusa bħala ħielsa minn ċertu mard li jaffettwa l-annimali akkwatiċi u li għalihom il-miżuri nazzjonali huma approvati f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429

Marda	Stat Membru	Kodiċi	Demarkazzjoni ġeografika taż-żona li għaliha huma approvati l-miżuri nazzjonali
Marda tal-virus tal-erpete tal-koi (KHV)	Franza	FR	Iż-żona tad-Durançole, mis-sors tax-xmara Durançole sal-iżbokk minn FR 13092001 CE Ferme Marine de la Durançole Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: FR 17116001 CE Pisiculture de l'EARL Carpio FR 34023506 CE SCEA les poissons du Soleil FR 34195501 CE Olivier Germaine – Pisciculture FR 39366002 CE Pisciculture du Moulin de Pierre FR 63263022 CE Pisciculture de Fontanas FR 66190003 CE SCEA les poissons du Soleil FR 72261001 CE Ecloserie de l'AAPPMA de Conlie – Bernay – Ruillé FR 72294001 CE Ecloserie de l'AAPPMA 72 – Sougé Le Ganelon
	L-Italja	IT	Iż-żona tal-għadajjar Monticolo li tinkludi l-mafqas IT004BZ106, il-"Grande lago di Monticolo/Große Montiggler see" u l-"Piccolo lago di Monticolo/Keliner Montiggler see"
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Il-Portugall	PT	Il-kompartiment li ġej magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: PT 06 001 CP Herdade de Entre Águas/PT
	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	L-Irlanda ta' Fuq
Viremija tar-Rebbiegħa tal-karpjun (SVC)	Id-Danimarka	DK	It-territorju kollu
	Il-Finlandja	FI	It-territorju kollu
	L-Ungerija	HU	It-territorju kollu
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	L-Iżvezja	SE	It-territorju kollu

	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	L-Irlanda ta' Fuq
Marda batterika tal-kliewi (BKD)	Id-Danimarka	DK	Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: 42939 Trinbak Dambrug Brænderigårdens 84470 Dambrug 103471 Abildvad Dambrug 103559 Fårup Mølle Dambrug 103587 Trend Å Dambrug 103623 Hårkjær Dambrug 103647 Egebæk Dambrug 103670 Refsgårds Dambrug 103682 Sangild Dambrug 103733 Skade Dambrug 117789 Funderholme Fiskeopdræt 118656 AquaSearch Ova, Billund 118844 Ravning ægpakkeri 128165 Ollerupgård Dambrug
	Il-Finlandja	FI	Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbilimenti tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: 177-1/ Hanka-Taimen Oy, 177-2 Il-farms tal-ħut Vanaja u Venekoski 386-1 Il-farm tal-ħut Pohjois-Karjalan kalanviljely Oy, Keskijärvi 386-2 Il-farm tal-ħut Pohjois-Karjalan kalanviljely Oy, Kontiolahti 065-3 Il-farm tal-ħut Kainuun Lohi Oy, Likolampi 185-2 Il-mafqas Terhontammi Oy, Sorsakoski 383 Il-mafqas Kuusamon Jalokala Oy, Käylä 253-3 Natural Resources Institute Finland - Luke, Il-farm tal-ħut Taivalkoski
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	L-Irlanda ta' Fuq

Nekroži pankreatika infettiva (IPN)	Id-Danimarka	DK	Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: 42939 Trinbak Dambrug 83138 Hallesøhuse Dambrug 84470 Brænderigårdens Dambrug 103554 Fruerlund Dambrug 103559 Fårup Mølle Dambrug 103571 Hallesø Dambrug 103623 Hårkjær Dambrug 103640 Munkbro Dambrug 103647 Egebæk Dambrug 103668 Ravning Dambrug 103670 Refsgårds Dambrug 103682 Sangild Dambrug 103802 Ådal Dambrug 103910 Piledal Dambrug 104106 Hallundbæk Dambrug 106296 Mølbjerg Dambrug 106314 Ravningkær Dambrug 117789 Funderholme Fiskeopdræt 118656 AquaSearch Ova, Billund 118844 Ravning ægpakkeri 121851 Gadegård Dambrug 122355 FREA 125770 Aquasearch Ova 128165 Ollerupgård Dambrug 129695 Ravning Avlsstation
	Il-Finlandja	FI	Il-partijiet kontinentali tat-territorju
	Is-Slovenja	SI	Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: SIRIB050108 Pšata SIRIB120102 Ilirska Bistrica
	L-Iżvezja	SE	Il-partijiet kontinentali tat-territorju
Infezzjoni bil-*Gyrodactylus salaris* (GS)	Il-Finlandja	FI	Iż-żoni tal-ġbir tal-ilma tat-Tenojoki u tan-Näätämöjoki; iż-żoni tal-ġbir tal-ilma tal-Paatsjoki, tat-Tuulomajoki, u tal-Uutuanjoki jitqiesu bħala żoni ta' lqugħ
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	L-Irlanda ta' Fuq

Virus tal-erpete 1 μvar tal-gajdri (OsHV-1 μvar)	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	It-territorju tal-Irlanda ta' Fuq għajr għall-bajja ta' Dundrum, il-bajja ta' Killough, Lough Foyle, Carlingford Lough, Larne Lough u Strangford Lough
L-infezzjoni bl-alfavirus tas-salmonidi (SAV)	Il-Finlandja	FI	Il-partijiet kontinentali tat-territorju

([1]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

ANNESS II

L-Istati Membri ([1]) jew partijiet minnhom, bi programmi ta' eradikazzjoni għal ċertu mard li jaffettwa l-annimali akkwatiċi u li għalihom il-miżuri nazzjonali huma approvati f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429

Marda	Stat Membru	Kodiċi	Demarkazzjoni ġeografika taż-żona li għaliha ġew approvati l-miżuri nazzjonali
Marda batterika tal-kliewi (BKD)	Id-Danimarka	DK	Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: 92158 Hørup Mølle Dambrug 108516 Hulsig Dambrug 118738 Øster Højgård Avlsdambrug 122491 Tarp dambrug 129695 Ravning Avlsstation
	L-Iżvezja	SE	Il-partijiet kontinentali tat-territorju
Nekroži pankreatika infettiva (IPN)	Id-Danimarka	DK	Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: 92158 Hørup Mølle Dambrug 103606 Lundby Dambrug 108516 Hulsig Dambrug 122491 Tarp dambrug
	L-Iżvezja	SE	Il-partijiet kostali tat-territorju

([1]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq."